JOSEPH VELLA

# L-Identità Kulturali ta' Malta - Il-Mużika

Biex wieħed jifhem sewwa l-isfond tal-kultura Maltija, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ir-rabtiet storiċi li l-gżira ta' Malta kellha matul is-snin, u li b'mod jew ieħor ħallew il-marka tagħhom fuq il-ħajja soċjali u kulturali tagħna.

Għalkemm l-evidenza bil-miktub ta' attività mużikali hawn Malta titfagħna lura anqas minn erba' sekli jiġifieri madwar is-sena 1600, naħseb li wieħed jista' liberament jassumi li din l-attività għandha l-egħruq tagħha fiċ-ċpar tal-preistorja.

Ir-reġjun tal-Mediterran huwa meqjus bħala benniena taċ-ċiviltà u Malta, li tinsab fin-nofs ta' dan ir-reġjun, qatt ma setgħet taħrab jew ikollha immunità mit-taqlib kbir politiku u kulturali li mill-eqdem żminijiet ħakmu din il-parti tad-dinja, hekk kif nazzjon wara nazzjon, dinastija wara dinastija, reliġjon wara reliġjon, iġġieldu u tqabdu għas-supremazija ta' dan il-littoral.

Barra minn hekk billi l-istorja tgħallimna li mill-bidu nett il-kult u l-mużika kienu mhux biss kumplimentarji iżda qishom inseparabbli, allura mhux daqshekk diffiċli li timmaġina li f'xi żmien u f'xi waqt hawn Malta nstema' d-daqq tat-tnabar sagrifikali ta' Neolitiċi fit-tempji tal-ħaġar tagħhom, in-noti friski tal-lira Griega, it-trombi marzjali Rumani u l-kant mistiku Biżantin u Għarbi.

Rolandi, għalkemm ma jikkwotax is-sorsi tiegħu, jikteb hekk: 'Nei piu remoti secoli trovo fatta menzione qua e la di alcuni cantori, precentori, subcentori, archicori, ecc, che prestarono servizio nelle chiese di Malta'.[1]

Imbagħad ikompli biex jikkataloga xi wħud minn dawn u jsemmi fost oħrajn lil G. Anselli, 'cantor' fis-sena 1112, lil Magister 'Philippus, cantor tripolitanus' fis-sena 1124, lil Raimondus Provincialis, 'praecentor' fis-sena 1170, lil Rainaldus, 'cantor

Tiberiadis' fis-sena 1174, lil Joannes, 'Praecentor acconiensis' fis-sena 1200 u lil Willelmus, 'cantor vallaniensis' fis-sena 1234.

Din l-informazzjoni mhux biss tixhed attività mużikali hawn Malta fi żminijiet hekk bikrija, imma diġà turi rbit artistiku fuq skala internazzjonali.

Punt ieħor interessanti li joħroġ mill-kitba ta' Rolandi huwa illi Malta mhux biss kienet 'timporta' kanturi, preċenturi eċċ, imma kienet 'tesporta' minn dawn ukoll. Infatti huwa jsemmi lil 'Don Luca Vella, cantore nato a Malta' u lil 'Giovanni Isconfort, Maltese' li, fis-sena 1550 ta' l-ewwel kien fis-servizz tal-Kardinal Alessandro Farnese u tat-tieni kien kantur fil-Kappella Pontifiċja ġo Ruma.

Meta l-konti Ruġġieru ta' Hauteville ħeles lil dawn il-gżejjer mill-ħakma Għarbija, Malta saret fewdu tal-kuruna ta' Sqallija u damet hekk sas-sena 1530. Matul dan iż-żmien Malta kienet suġġetta għat-titolari ta' din il-kuruna, jiġifieri n-Normanni, il-Hohenstaufens, u r-Rejiet ta' Anjou, Aragon u Kastilja.

Nistgħu ngħidu li minn dan il-perijodu 'l quddiem Malta dejjem ħarset lejn l-Ewropa għall-ispirazzjoni kulturali tagħha, sew f'dik li hi arkitettura, letteratura, arti visiva u anki mużika.

*Il-Mużika 'Folk'*

Qabel ma naraw fil-qrib il-linja ta' żvilupp fl-arti mużikali ta' pajjiżna, tkun ħaġa sewwa li nagħtu daqqa t'għajn fuq l-hekk imsejħa mużika 'folk'. Id-differenza bejn dan it-tip ta' mużika u dik li normalment wieħed jisma' waqt kunċert, hija li ta' l-ewwel qisha warda li tikber waħidha fix-xagħri waqt li l-oħra hija bħal dik il-warda li tiġi kkultivata. Biex inkompli l-analoġija, ta' l-ewwel tikber spontanjament, mingħajr proġenitura diretta u kawża ta' l-ambjent li ż-żerriegħa ssib ruħha fiha, waqt li t-tieni tip hija riżultat dirett ta' individwu li jiżra', isaqqi, ikabbar u jaħsad. Għalhekk wieħed jara li l-vera mużika 'folk' hija krejazzjoni ta' massa, u li għalkemm xi darba, xi mkien, forsi oriġinat minn individwu, matul iż-żmien din ġiet mibdula, imsawra, imnaqqsa jew miżjuda, bir-riżultat li mbagħad issir espressjoni ta' sentimenti storiċi/nazzjonali ta' komunità sħiħa, bl-egħruq tagħhom midfuna fil-milja taż-żmien. Min-naħa l-oħra l-mużika hekk imsejħa 'tal-kunċert' (fiċ-ċirkustanzi, diffiċli biex issib terminoloġija aħjar) billi hija prodott ta' individwu, allura faċilment tista' tiġi kkatalogata mill-aspett storiku/kulturali tagħha.

Jiddispjaċini ngħid li kuntrarjament għal dak li sostnew u forsi għadhom isostnu xi wħud, mużika 'folk' indiġena ftit li xejn għandna, anzi ngħid li hija kważi ineżistenti. Id-dehra taħt ċerti aspetti kważi fenomenali ta' numru kbir ta' psewdo 'folk-tunes' hawn Malta fl-aħħar 30/40 sena hija prodott ta' esiġenzi differenti għal kollox minn dawk li minnhom tingħaġen u tissawwar il-mużika folk pura. Dan il-fenomenu jista' jiġi attribwit għal interessi personali/nazzjonali kawża, per eżempju, ta' l-iżvilupp ta' l-industrija tat-turiżmu, fejn, għat-turist, ikla u daqqa indiġena huma kkunsidrati bħal parti integrali mill-mawra tiegħu f'pajjiżna.

X'inhuma r-raġunijiet li għalkemm l-attività mużikali f'Malta hija tant qadima, u għalkemm il-Maltin bħala poplu huma tant inklinati mużikalment, il-wirt 'folk' tagħna huwa daqshekk fqir?

Personalment, nattribwixxi dan il-fenomenu għal żewġ raġunijiet. L-ewwel waħda hija ċ-ċokon tal-gżejjer tagħna. Il-mużika minn dejjem iffurmat parti integrali mhux biss fil-ħajja tal-bniedem, imma mill-istess struttura fiżika, emozzjonali tiegħu, bir-riżultat li jekk dan ma jsibhiex madwaru, hu jħoss il-bżonn li joħloqha hu nnifsu biex b'hekk jissodisfa l-bżonn ta' l-espressjoni mużikali tiegħu. Għalhekk mad-dinja kollha naraw komunitajiet kompletament iżolati mit-triq prinċipali tal-mixja taċ-ċiviltà joħolqu mużika partikolarment tagħhom u jibnu strumenti indiġeni biex bihom ikunu jistgħu jesprimu din il-mużika. Fl-opinjoni tiegħi matul iż-żminijiet ftit kienu dawk il-Maltin li ħassewhom tant kompletament iżolati li nibtet fihom ix-xewqa li jikkrejaw espressjoni mużikali tagħhom innifishom.

It-tieni raġuni hija marbuta ma' dik ta' l-ewwel. Il-biċċa l-kbira tal-Maltin dejjem kellhom kuntatt fil-qrib u kontinwu ma' mużika professjonalment prodotta u eżegwita. Kif nispjega aktar 'il quddiem, il-knejjes f'Malta dejjem servew ta' swali tal-kunċerti fejn il-poplu kollu sata' jattendi mingħajr ħlas, għal servizzi reliġjużi/mużikali ta' livell għoli: dawn is-servizzi setgħu jitqiesu bħala kunċerti regulari. Dan għall-Maltin kien ta' vantaġġ u fl-istess ħin ta' żvantaġġ. Kien ta' vantaġġ għaliex il-livell ta' konoxxenza u apprezzament mużikali kien dejjem jikber u jikkonsolida ruħu. (Dari ma kinetx ħaġa rari li mastrudaxxa, bajjâd, jew nies oħra tas-sengħa manwali, waqt xogħolhom ikantaw jew isaffru arja minn xi opra Taljana flok xi melodija 'folk'). L-iżvantaġġ ġie għaliex din is-sitwazzjoni ġġenerat udjenza konoxxenti imma passiva.

L-għana huwa l-akbar espressjoni (u f'ħafna aspetti forsi l-unika vera espressjoni) ta' mużika 'folk' Maltija. Iżda minkejja dan, l-interess artistiku prinċipali ta' l-għana m'huwiex mużikali iżda letterarju. Fl-ambjent ta' l-għana niltaqgħu ma' numru żgħir ta' melodiji, jew aħjar forom melodiċi, u dawn iservu biex biħom l-għannej jew jimproviża r-rimi tiegħu (l-hekk imsejjaħ għana spirtu pront), jekk inkella jirrakkonta f'taqbila storja diġà eżistenti (għana tal-fatt).

Kif wieħed jista' jinnota, fiż-żewġ każijiet l-element mużikali huwa dejjem sekondarju, filwaqt li t-test għandu l-importanza prinċipali.

L-istrumenti li jakkompanjaw l-għana huma ġeneralment żewġ kitarri. Waħda minn dawn tipprovdi bażi armonika għall-għannej u anki għall-kitarra solista. Din ta' l-aħħar iddoqq il-preludju, l-intermezzi u l-koda. Dawn kollha huma improvizzati u varjati fuq il-melodija prinċipali. Il-preludju jservi biex it-tonalità tiġi stabbilita, waqt li l-intermezzi jagħtu opportunità lill-għannej mhux biss jieħu n-nifs, iżda wkoll jaħseb kif ser jibni t-taqbila li jmiss.

Il-fatt li fl-għana niltaqgħu ma' użu limitat ta' intervalli mużikali iżgħar mis-semitone tal-mużika tradizzjonali Ewropeja, ġiegħel lil xi studjużi Maltin mill-ewwel jassoċjaw il-paternità ta' l-għana Malti ma' l-Afrika ta' Fuq fejn il-varjazzjoni mono-melodika u l-intervalli mikro-tonali huma parti integrali mill-mużika ta' dawn il-postijiet.

Għalkemm għad irid isir studju sew fuq dan is-suġġett, jien nissuġġerixxi li l-oriġni spiritwali ta' l-għana kif nafuh aħna nsibuh fix-xtajta t'isfel ta' Spanja u din l-influwenza waslet għandna minn Sqallija. Min sama' kant tradizzjonali minn dawn l-inħawi mill-ewwel jinduna bix-xebħ ta' kostruzzjoni u eżekuzzjoni tiegħu, u l-użu sa mill-bidu nett ta' kitarra bħala strument akkompanjatur, huwa wkoll dettal rilevanti ħafna f'dan ir-rigward.

Huwa opportun hawnhekk li wieħed jagħmel riferenza għal strumenti li huma wżati fl-ambjent ta' din il-mużika Maltija, u li sfortunatament, ħafna minnhom qed jiskarsaw sewwa minn fuq ix-xena lokali.

Il-fifra u t-tamburell kienu popolari ħafna u tista' tgħid li dejjem kienu jidhru flimkien. Hekk ukoll kien it-tamburin, li huwa varjazzjoni tat-tumbrell, imma b'diski tal-metall imwaħħlin mal-qafas. Strument ieħor tal-perkussjoni kien ir-Rabbaba, jew kif isibuh oħrajn iż-Żuvżafa. Dan jagħmel parti mill-familja ta' tnabar

li bl-ingliż jissejħu 'friction drums'. Ir-Rabbaba Maltija kienet ġeneralment tkun magħmula minn bettija żgħira ta' l-injam li fuq għonqha tiġi mġebbda ġilda ta' nagħġa jew qattus, u f'nofs il-ġilda tintrabat qasba li tiġi mgħorka 'l fuq u 'l isfel b'id imxarrba. B'hekk jinħoloq ħoss perkussiv ħafna.

Żewġ strumenti oħra, primittivi imma ħelwin ħafna, kienu l-qrajna u l-bronja. Ta' l-ewwel kienet magħmula minn qarn tal-barri li fit-tarf l-irqiq tiegħu kienet tiġi mqiegħda lsien ta' qasba. Il-ħoss kien jiġi prodott jew billi wieħed kien jonfoħ direttament ġo din il-qasba, jew inkella mal-qarn kienu jwaħħlu borża, li, minfuħa, kienet tipprovdi n-nifs għall-vibrazzjoni tal-qasba. Il-bronja kienet bebbuxu kbir tal-baħar. Il-ħoss vibranti tax-xufftejn kien idur mal-kavitajiet u fil-proċess dejjem jikber sakemm joħroġ mill-parti wiesgħa tal-bebbuxu.

Il-flejġuta u l-bedbud huma varjazzjonijiet tal-flawt hekk imsejjaħ ta' Pan li tista' tgħid issibu matul il-littoral tal-Mediterran kollu.

Kif wieħed jista' jara, f'dawn l-istrumenti 'folk' kollha li semmejna ma hemm xejn li tista' ssejjaħlu purament indiġenu.

Iżda minn dan il-lat forsi l-aktar li toħloq interess hija ż-żaqq, għaliex fost il-varjetà kbira ta' dan l-istrument imxerrda mad-dinja kollha, iż-żaqq Maltija kienet l-unika waħda magħmula minn ġilda ta' kelb. J. F. Partridge u Frank Jeal għamlu studju tajjeb ħafna fuq iż-żaqq ta' Malta sew mil-lat mużikali, soċjoloġiku u etnoloġiku tagħha. Huwa interessanti taqra li l-awturi, per eżempju, jeskludu kull affinità tagħha maż-'zampogna' taljana, jew mal-'kornamusa' ta' Sqallija, u jgħidu li fost it-tipi kollha primittivi ta' żaqq, dik ta' l-Eġew fil-Grecja għandha l-akbar similarità ma' dik ta' Malta.[2]

Wara din il-ħarsa lejn il-wirt folkloristiku tal-gżejjer tagħna, nerġgħu naqbdu l-mixja tal-linja ewlenija fl-iżvilupp ta' l-arti mużikali f'pajjiżna.

*Il-Wasla tal-Kavallieri*

Meta l-Kavallieri ta' San Ġwann waslu Malta fl-1530, din il-ġrajja nistgħu ngħidu li ġġenerat qawmien sħiħ artistiku ġol-gżira. Bejniethom, il-Kavallieri kienu jirrappreżentaw b'mod validu ħafna n-nobbiltà ta' l-Ewropa kollha, mill-Ġermanja sa Spanja, mill-Italja sa Franza u l-Ingilterra u meta dawn ġew fostna, ġabu wkoll magħhom il-kultura ta' pajjiżhom.

Kien hemm żewġ raġunijiet, iżda, illi wara ftit ta' żmien mill-wasla tal-Kavallieri, Malta, għall-kultura tagħha, bdiet tħares

dejjem iżjed mill-qrib lejn idejali u prattiċi Taljani. Fl-opinjoni tiegħi dawn kienu l-ewwelnett il-qrubija ġeografika tagħna ma l-Italja, ħaġa li kienet tħaffef ċertu kuntatt fiżiku aktar milli minn ma' pajjiżi oħra. It-tieni raġuni kienet l-influwenza tal-Knisja li, ovvjament, għall-ispirazzjoni tagħha, sew spiritwali u anki artistika, dejjem ħarset lejn Ruma. Il-fatt li minn dan iż-żmien il quddiem, ħafna dettalji fil-prattika tal-mużika f'Malta nistgħu nsibuhom dokumentati, jipprova biċ-ċar dan il-fenomenu.

Għalkemm s'issa għad m'għandniex dati eżatti, nafu li sat-tmiem tas-seklu sittax f'Malta kien hawn imwaqqfa u stabbiliti żewġ 'kappelli' importanti - waħda fil-knisja ta' San Ġwann il-Belt, is-sede tal-Gran Mastru, u l-oħra ġol-Katidral ta' l-Imdina, is-sede ta' l-Isqof. It-terminu 'kappella' f'dan is-sena ifisser grupp ta' musiċisti, sew kantanti u stumentalisti, impjegati minn xi katedral jew knisja oħra importanti, biex dawn jipprovdu l-mużika waqt is-servizzi reliġjużi. Kif wieħed jista' jimmaġina fiż-żmien li qegħdin nitkellmu fuqu, dawn kienu wisq aktar numerużi u wisq itwal minn dawk li nsibu llum fil-kalendarju ekkleżjastiku.

Dan kien it-tip ta' ċentru artistiku li, kontemporanjament ma' dan iż-żmien li qed nitkellmu fuqu, tana lil Palestrina fl-Italja, lil Byrd ġo l-Ingilterra, lil Victoria fi Spanja u lil Lassus fil-Pajjiżi l-Baxxi, u aktar tard lil Monteverdi u Vivaldi minn San Mark ġo Venezja, lil Purcell miċ-Chapel Royal ġo Londra u wisq aktar tard lil J. S. Bach minn San Tumas ġo Lipzja.

Meta niġu għaż-żewġ 'kappelli' li stabbilixxew ruħhom hawn Malta, insibu li dawn in-nukleji ta' kultura mużikali reliġjuża mill-bidu nett urew sinjali ta' rivalità bejniethom fit-tellieqa tagħhom għall-eċċellenza artistika. Minħabba din ir-rivalità li nibtet bejn il-kappella ta' l-Isqof u dik tal-Granmastru, allura huma kienu jimmiraw għal livelli għolja sew ta' kompożizzjoni u sew ta' eżekuzzjoni.

Għall-ewwel kienu jiġu 'importati' mużiċisti Taljani, sew kantanti kif ukoll strumentalisti, biex jiġu impjegati f'xi waħda mill-kappelli Maltin.[3] M'hemmx għalfejn ngħidu li għar-raġunijiet diġà msemmija sew il-Kapitlu u sew l-Ordni kienu jiżguraw rwieħhom li lil minn iqabbdu jkun fost l-aħjar li s-suq ta' dak iż-żmien kien joffri.

Aktar tard imbagħad, mużiċisti żgħażagħ Maltin li jippromettu kienu jiġu mibgħuta f'xi konservatorju Taljan (ġeneralment Palermo jew Napli) biex wara li jlestu l-istudju tagħhom kienu jiġu

lura Malta jagħtu s-servizzi tagħhom f'xi knisja lokali.

Żvolta 'l quddiem fil-ħajja mużikali tal-Kappella tal-Katidral ġrat fl-1575 meta ġie Malta Monsinjur Duzina.[4] Fost ir-riformi li ordna kien hemm dik li l-mużika sagra eżegwita waqt il-funzjonijiet reliġjużi tħaddem ruħha ġol-parametri delinejati mill-Konċilju ta' Trento fl-1545. Aktar ta' importanza kienet id-deċiżjoni tiegħu illi l-post ta' kap tal-mużika fil-Katidral jiġi mgħolli minn dak ta' sempliċi organista għal wieħed ta' Maestro di Cappella proprju.

Il-konsegwenza pożittiva u salutari fuq il-ħajja mużikali Maltija ta' din is-sitwazzjoni hija ovvja. F'qasir żmien il-livell ta' l-arti mużikali f'pajjiżna sew dik krejattiva kif ukoll interpretattiva għola tassew, b'tali mod illi wieħed jista' jgħid bil-libertà kollha li Malta tas-seklu sbatax setgħet titqies bħala ċentru mużikali li ma jagħmel għajb lil ebda ċentru ieħor kontemporanju Taljan.[5]

Meta mbagħad niġu għall-arkivji ta' dawn iż-żewġ kappelli, hija ħaġa ta' l-iskantament u anki ta' misteru kif dak ta' San Ġwann il-Belt donnu sparixxa għal kollox. X'sar minn dan il-patrimonju artistiku, tant prezzjuż storikament u mużikaliment, jista' jkun suġġett interessanti ħafna għal studju u indaġni.

*L-Arkivji tal-Mużew ta' l-Imdina*

Dak tal-Katidral ta' l-Imdina, min-naħa l-oħra, dam żmien twil mitluq bla ma jiġi kkurat u wieħed jimmaġina li f'dan il-perijodu ntilfu ħafna opri importanti. Iżda fortunatament għad fadlilna 'corpus' sostanzjali u varjat biżżejjed biex ir-riċerkatur jista' jislet linja ċara ta' dak li ġara mużikalment f'pajjiżna f'dawn l-aħħar tliet sekli. Hawn ta' min isemmi x-xogħol siewi tal-Kuratur Dun Ġwann Azzopardi, li mis-sena 1969 beda jikkatalogah u jorganizzah. Il-valur akkademiku u storiku ta' l-Arkivju tal-Mużew ta' l-Imdina fuq skala mhux biss nazzjonali iżda anki dik internazzjonali, ġie konfermat minn Paolo Emilio Carapezza, professur ta' l-istorja tal-mużika fl-Università ta' Palermo. Prof. Carapezza jgħid li dan l-Arkivju fih l-aktar kollezzjoni importanti ta' mużika antika minn Napli 'l isfel.[6]

Mill-manuskritti u kotba stampati (uħud minnhom rarissmi jew uniċi) li hemm fil-Mużew tal-Katidral l-Imdina, wieħed jista' jifhem sewwa r-rabtiet fil-qrib li Malta kellha maċ-ċentri ta' eċċellenza Taljani tas-seklu sbatax. Il-kompożituri ewlenin ta' dawn l-iskejjel huma kollha rappreżentati bix-xogħlijiet tagħhom, u l-fatt li ħafna minn dawn qegħdin f'antoloġiji f'forma manuskritta,

juri biċ-ċar li dawn ma kinux hemm sempliċement għal fuq xi xkaffa, imma ġew miġbura b'dan il-mod minħabba motivi prattiċi ta' eżekuzzjoni. Xi wħud mill-kompożituri rappreżentati huma dawn:

| | | |
|---|---|---|
| SKOLA VENEZJANA | — | Ludovico Grossi (da Viadana) - 1564-1645<br>Claudio Monteverdi - 1567-1643<br>Giovanni Bassani - attiv c. 1650 |
| SKOLA RUMANA | — | Felice Anerio - 1560-1630<br>Virgilo Mazzocchi - 1597-1646<br>Bonifacio Graziani - 1604-1665<br>Francesco Foggia - 1604-1688<br>Giacomo Carissimi - 1604-1674 |
| SKOLA BERGAMESKA | — | Tarquino Merula - c.1650 |
| SKOLA BOLONJIŻA | — | Gian Battista Vitali - 1644-1692 |
| SKOLA NAPLITANA | — | Carlo Gesualdo (Principe di Venosa) - 1560-1613<br>Francesco Durante - 1684-1755 |
| SKOLA SIĊILJANA | — | Andrea Rinaldi - attiv c. 1650<br>Antonio Campochiaro - attiv c. 1650<br>Vincenzo Amato - attiv c. 1650 |

Uħud minn dawn kienu, nistgħu ngħidu hekk, pijunieri fl-istorja tal-mużika Taljana - Carissimi fl-Oratorju, Monteverdi fl-Opra, da Viadana fl-użu tal-Basso Continuo, Vitali fil-forma tas-Sonata, u Gesualdo f'tip ta' Madrigali avanzatissimi għal żmienhom.

Hawn ta' min isemmi wkoll il-preżenza fl-Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina ta' żewġ motetti ta' Giacomi Carissimi u wieħed ta'

Claudio Monteverdi li donnhom jeżistu biss hawn Malta.[7] Dawn kienu mill-ewwel manuskritti li jiena editjajt u daqqejt f'kunċerti meta bdejt ir-riċerki tiegħi fil-mużika antika Maltija iżjed minn għaxar snin ilu.

Meta niġu għall-mużika sekulari, Malta wkoll donnu li kienet pari passu ma' dak li kien qed jiġri fil-kontinent. Dan jikkonfermah librett ta' opra bl-isem 'Dafnè, ovvero La Verginità Trionfante'. Kif kien fl-istil tal-bidu tas-seklu sbatax dan it-titlu huwa kkwalifikat bil-kliem 'favola boschereccia'. L-awtur huwa Enrico Magi li twieled il-belt Valletta fl-4 ta' Diċembru 1630 u li ġie mgħammed fil-parrocca ta' San Duminku. Dan il-librett, dedikat lil Fra Salvatore Imbroll, Prijur ta' l-Ordni, inkiteb madwar is-sena 1650.[8]

Għalkemm ma teżistix evidenza li xi ħadd immużikah, jew li din l-opra ndaqqet, il-fatt li hawn Malta nkiteb librett ta' opra fi żmien hekk bikri, juri biċ-ċar ċertu interess u għarfien ta' l-esperimenti fit-twelid ta' l-opra bħala forma artistika. Dawn kienu nbdew mill-Kamerata Fjorentina fil-bidu tas-seklu u ssintetizzaw ruħhom fix-xogħlijiet ta' Claudio Monteverdi.

Ftit aktar tard fl-1664, ġiet rappreżentata ġol-belt Valletta l-opra 'Annibale in Capua'.[9] Rinaldi jattribwixxi l-kompożizzjoni ta' din l-opra lil Pietro Antonio Ziani, waqt li minn informazzjoni mgħoddija lili minn Dun Ġwann Azzopardi, hemm min igħid li l-awtur huwa Vincenzo Tozzi, kompożitur Sqalli.

Ta' min jiftakar iżda, li f'dan iż-żmien ġà kienet bdiet dieħla d-drawwa xejn feliċi ta' l-opra Barokka li l-istess librett jiġi mmużikat minn diversi kompożituri. Din id-drawwa laħqet il-quċċata ta' (fl-opinjoni tiegħi) l-assurdità tagħha fix-xogħlijiet ta' Pietro Metastasio (1698-1782) għax tista' tgħid li kull librett miktub minnu ġie mmużikat minn bejn għoxrin u tletin kompożitur differenti. Għalhekk jista' jagħti l-każ fir-rigward ta' 'Annibale in Capua' li jew instemgħet verżjoni waħda, u xi ħadd minn dawn iż-żewġ sorsi kkwotati ta l-isem tal-kompożitur żbaljat, jew inkella nkitbu u nstemgħu żewġ verżjonijiet. L-ewwel alternattiva għalija hija l-aktar waħda ta' min joqgħod fuqha.

Għall-aħħar tas-seklu naraw din l-influwenza operistika Taljana tinfirex sewwa sakemm fil-bidu tas-seklu tmintax tant kibret li fl-1732 il-Gran Mastru Manoel de Vilhena ħass il-ħtieġa li jibni tejatru pubbliku. Hija ħaġa ta' unur għalina u għall-wirt storiku/kulturali tagħna li d-data tal-kostruzzjoni tat-Teatru

Manoel tagħmlu wieħed mill-eqdem tejatri pubbliċi fl-Ewropa kollha.

Wara li rajna kif influwenzi mużikali Taljani daħlu Malta fis-sekli 17 u 18, naraw issa daqsxejn aktar mill-qrib x'kien l-effett tagħhom fuq il-'prodott' lokali.

L-eqdem manuskritt ta' kompożitur Malti li jeżisti huwa motett ta' Giuseppe Balsano (1616-1700) intitolat 'Beatus Vir'.[10] Dan ix-xogħol huwa kompost għal żewġ tenuri u baxx u d-data tal-kompożizzjoni tiegħu hija l-1652. Warajh, bħala qedem, insibu motett ieħor, din id-darba kompost minn Domenico Balsano (1632-1707) neputi ta' Giuseppe. Id-data tal-kompożizzjoni hija l-1680 u l-motett jismu 'Venite Omnes'.[11] Dan huwa xogħol maħdum b'mod l-aktar artistiku għal Cantus u Altus ma' basso continuo.

Dawn iż-żewġ dati juru biċ-ċar kemm il-linja ta' kompożizzjoni Maltija titfagħna lura, kuntrarjament għal dak li kienu jaħsbu ħafna Maltin sa ftit snin ilu, meta għalihom din il-linja kienet qisha tibda minn Nicolò Isouard.

Kien għalhekk li meta fis-17 ta' Frar 1978 jien ippreżentajt u ddiriġejt kunċert fis-sala ta' l-Università taħt l-isem '300 Years of Maltese Music', dan il-programm qajjem interess u kurżità kbira fost id-dilettanti tal-mużika, għax għal ħafna minnhom il-bidu ta' l-istorja tal-mużika ġewwa Malta, f'ħakka t'għajn intefa' lura bi kważi mija u ħamsin sena! F'dan il-kunċert inkludejt mużika ta' Balsano, Zerafa, Azopardi, Isouard, Bugeja, Nani, Pace u Vella. Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija li s-suċċess ta' dan l-ewwel 'revival concert' li qatt sar għen ħafna biex nibdet kuxjenza nazzjonali għall-wirt mużikali tagħna, u inkoraġġieni mhux ftit biex inkompli r-riċerki u l-eżekuzzjoni ta' aktar mużika Maltija qadima. (Ta' min jinnota wkoll li minn xi erba' snin 'l hawn, dan l-interess infirex anki fost mużiċisti oħra).

Kunċert ieħor importanti fl-istorja ta' dan il-moviment ta' qawmien mużikali, biex insejjaħlu hekk, huwa dak li ddiriġejt fil-Katidral ta' l-Imdina fl-20 ta' Novembru 1980 taħt l-isem 'Musica Restituta'. Din id-darba r-repertorju illimitajtu għall-manuskritti tas-seklu 17, u kien jinkludi żewġ kompożizzjonijiet mill-ftit li jeżistu ta' ċertu Aloysio Mataron.[12] Il-figura ta' Mataron fl-istorja tal-mużika tagħna hija kurjuża ħafna, għax ftit li xejn nafu fuqu, ħlief li kien Franċiż attiv hawn Malta f'nofs is-seklu 17. Meta mbagħad wieħed jinnota li missier Enrico Magi l-librettista ta'

'Dafne' huwa deskritt fl-atti tat-twelid fil-parroċċa ta' San Duminku bħala Paolo Andrea 'Gallum', u li Enrico nnifsu kien ġie mibgħut għal xi żmien jistudja Franza, allura wieħed jikkonkludi li xi rabtiet kulturali bejn Malta u Franza f'dan il-perijodu ta' l-istorja kien hemm ukoll.

*Mużiċisti Maltin tas-Seklu Tmintax*

Figura oħra interessanti u ma tantx magħrufa hija dik ta' Pietro Gristi (1696-1738), qassis imwieled ir-Rabat.[13] Gristi jirrappreżenta l-ewwel wieħed f'lista ta' mużiċisti Maltin li ntbagħtu biex jistudjaw Napli bl-għajnuna tal-Kapitlu tal-Katidral. (Qabel, ir-rapporti mużikali kienu wisq aktar qrib ta' Palermo). Meta ġie lura fl-1717 huwa kien maħtur Maestro di Cappella fil-Katidral. Il-biċċa l-kbira tal-kompożizzjonijiet ta' dan il-mużiċist intilfu u l-ftit li baqa' jinsabu fl-Arkivji tal-Kolleġġjata ta' Bormla. L-istil ta' Gristi kif wieħed jista' jimmaġina, huwa Naplitan.

Girolamo Abos li twieled il-Belt fis-16 ta' Novembru 1715, ta' nisel Spanjol u miet f'Napli f'Ottubru ta' l-1760,[14] jirrappreżenta każ kurjuż fl-istorja tal-mużika Maltija. Meta kien għadu żgħir ħafna ġie mibgħut Napli biex jistudja (x'aktarx minn zijuh) biex imbagħad dan qatt ma rritorna ġo Malta. Infatti mużika tiegħu hawn Malta ma għandna xejn, waqt li manuskritti u mużika oħra stampata ta' Abos tinsab ġo Napli, Bologna, Ruma, fil-Librerija Nazzjonali ta' Vienna u anki fil-British Museum, fost postijiet oħra. Il-każ ta' Abos jurina biċ-ċar l-inklinazzjoni u l-mentalità artistika Maltija tas-seklu tmintax — l-iskola Taljana mhux biss xorobha imma għamilha tiegħu b'tali mod li wieħed jista' liberament jikkonsidrah bħala kompożitur ieħor Taljan.

Abos kien student tal-famużi Leo u Durante fil-Conservatorio Dei Poveri di Gesù Cristo (bħal Gristi). Mill-1754 sal-1759 kien igħallem fil-konservatorju tal-Pietà dei Turchini fejn għallem fost oħrajn lill-kantant ċelebri Aprile, u lill-kompożitur Paisiello.[15] Kien ukoll maestro di cappella fil-Katidral ta' Napli.[16]

Fl-1742 ippreżenta l-ewwel opra tiegħu f'Napli, 'Le Due Zingare Simili'. Imbagħad, bħala kompożitur u direttur ta' l-orkestra, dar l-Ewropa kollha minn Vienna sa Londra. F'din il-belt Abos għamel sentejn (1756-1758) bħala direttur mużikali ta' l-hekk imsejjaħ 'Italian Theatre' fejn kienu jinħadmu opri Taljani.

Għalkemm M.A. Vella li twieled ġo Bormla [17]fl-istess sena ma' Abos (1715) ma kellux ix-xejra kosmopolita ta' Gerolamo, għall-istorja mużikali tagħna xorta waħda jirrappreżenta figura xejn anqas importanti minnu. Dun Mikielang Vella nistgħu nqisuh bħala l-ewwel Malti li ħa inizjattiva serja biex privatament tinfetaħ skola tal-mużika fuq il-linji tal-konservatorji Taljani u fost l-istudenti tiegħu nsibu lil Isouard, Azopardi, Burlo u Magrin. Interessanti huwa wkoll ix-xogħol tiegħu fil-qasam tal-kantata sekulari. Mal-ftuħ tat-Teatru Manoel fl-1732 din l-attività iffjorixxiet ħafna u kienet id-drawwa li kull sena għall-hekk imsejjaħ 'Calendimaggio' tiġi kkummissjonata kantata ta' din ix-xorta.

Ħafna drabi din il-kummissjoni kienet tmur għand kompożituri Taljani (Giuseppe u Melchiorre Sammartini, per eżempju). Vella kien l-ewwel Malti li daħal f'dan il-kamp b'xogħlijiet bħal 'Astra e Pallade' (1740), 'La Virtù Trionfante' (1741), 'La Giustizia di Nettuno e La Religione Gerosolimitana' (1746), u 'Gli Applausi della Fama' (1758), ta' l-aħħar fuq test tal-konti Ciantar.

Interessanti aktar minħabba l-għaġna kulturali u storika tagħna hija l-konnessjoni li Vella kellu ma' Franza. Skond Fetis x'aktarx li Vella qatta' xi żmien qasir f'Pariġi (c. 1750). Ħaġa żgura iżda hija li dan il-kompożitur Malti ppubblika diversi biċċiet ta' mużika kameristika ġo Pariġi (żewġ terzetti u sitt kwartetti) u l-impatt mużikali tiegħu ġo din il-belt kien qawwi biżżejjed biex ismu jiġi inkluż sew fid-'Dictionairie Historique des Musiciennes' ta' Choron u Fayolle u anki fil-'Biographie Universelle des Musiciennes et Bibliographie Generale de la Musique' (1881) ta' F.G. Fetis, fejn Vella huwa deskritt bħala kuntrapuntist ta' ħila kbira. Vella miet fl-1792.

Benigno Zerafa u Francesco Azopardi huma bla dubju ta' xejn iż-żewġ ġganti tal-mużika Maltija ta' nofs is-seklu tmintax. Benigno Zerafa (1726-1804)[18] studja Napli taħt Abos, fost surmastijiet oħra u l-mużika tiegħu hija ta' kwalità u livell mill-aktar għoli. F'ċertu sens l-arti mużikali ta' Zerafa hija wisq aktar progressiva minn dik ta' Azopardi, iżda l-figura brillanti ta' dan ta' l-aħħar kienet dejjem titfa' xi ftit ta' dell u toskura lil dik ta' Zerafa, li kien bniedem ta' karattru diffiċli u maqtugħ għalih (vide l-ġlieda tiegħu ma' l-isqof Alferan fl-1751 li keċċieh minn maestro di cappella tal-Katidral).[19] Infatti nies bħal P.P. Castagna lanqas jinkluduh fil-lista tagħhom ta' Maestri di Cappella.

Ix-xogħlijiet ta' Zerafa juru ċerta familjarità ma' tendenzi ta' l-Ewropa pre-klassika. F'dan l-istil, magħruf bħala 'gallant', Zerafa huwa wisq aktar avanzat minn Azopardi, li f'din il-materja kien x'aktarx ftit konservattiv. Dawn it-tendenzi ta' Zerafa joħorġu bil-qawwa kollha fl-orkestrazzjoni tiegħu, florida u figurattiva, fl-użu kostanti ta' diviżjonijiet ritmiċi bażati fuq it-terzina, u fil-format ta' l-arji tieħu. Kien proprju għal dawn ir-raġunijiet li Benigno Zerafa kien wieħed mill-ewwel kompożituri li ppreżentajt fil-programm '300 Years of Maltese Music', bl-arja brillanti tiegħu 'Felise Carina'.[20]

Kif diġà aċċennajt, Francesco Azopardi (1748-1809) [21]kien ta' karattru aktar miftuħ u f'ċertu sens aktar mondan minn dak ta' Zerafa. Wara li beda l-istudji tiegħu ma' M.A. Vella, Azopardi mar Napli fil-Konservatorju ta' 'San Onofrio' fejn studja taħt il-famuż Nicolo Piccini. Wara li temm l-istudju, baqa' għal xi erba' snin jaħdem Napli fejn ikkompeta b'suċċess ma' ismijiet famużi bħal Traetta, Paiesiello, Cimarosa, Guglielmi u Piccini nnifsu.

Dan is-suċċess artistiku ta' kompajżan Malti ġewwa belt hekk famuża għall-mużika bħalma kienet Napli, ma naqasx li jolqot l-interess tal-Kapitlu tal-katidral li sa mill-1772 wera x-xewqa li jaħtru 'Maestro di Cappella'. Dan seħħ għall-aħħar tas-sena 1774 meta Azopardi ġie Malta biex jokkupa dan il-post. Biex jikkommemora din l-okkażjoni u anki biex isservi bħala 'biglietto da visita' mal-pubbliku Malti, Azopardi kkompona u eżegwixxa l-akbar xogħol tiegħu jiġifieri l-'Messa in Sol' għal żewġ kori spezzati, solisti u orkestra (datata 1775). Kif wieħed jistenna din kienet okkażjoni fejn huwa ried, u rnexxielu, juri l-bravura kollha tiegħu mużikali mal-Kapitlu u l-Maltin kollha.

Azopardi ħallielna ħafna xogħlijiet importanti u ta' prestiġju, bħal, per eżempju, żewġ quddisiet fuq l-istil tal-'Messa in sol', dawk tal-1776 u l-1798, barra numru kbir ta' salmi, antifoni, litaniji eċċ. Sfortunatament wieħed mill-aqwa xogħlijiet tiegħu, l-oratorju 'La Passione di Cristo' (fuq kliem ta' Metastasio), huwa mitluf.

Ħaġa kurjuża wkoll huwa l-fatt li għalkemm il-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet reliġjużi ta' Azopardi waslu sa żmienna, dawk profani kważi sparixxew għal kollox. Infatti fl-arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina nsibu biss tliet kompożizzjonijiet ta' din ix-xorta. Dawn huma tliet sinfoniji, tnejn minnhom 'con oboe obligato', Waħda minn dawn [22]indaqqet fl-14 ta' Lulju 1976 mill-orkestra ta' l-iskola

tal-mużika Johann Strauss u oħra [23]fil-kunċert diġà msemmi '300 Year of Maltese Music' (1978).

Barra mill-attività tiegħu bħala kompożitur, Azopardi żvolga attività xejn anqas importanti f'dik li hija didattika mużikali. It-trattat tiegħu 'Il Musico Prattico' dedikat lil Vincenzo Vergoda y Ribera għamel ħoss sew f'ambjenti mhux biss Taljani, iżda wkoll Franċiżi. Framery, wara li ttraduċih għall-Franċiż, ippubblikah f'Pariġi fl-1786. Wara l-approvazzjoni ta' Andre Gretry, 'Il Musico Prattico' ġie anki addottat bħala test għat-tagħlim ta' l-arti mużikali ġol-konservatorju ta' Pariġi. Gretry kien tal-fehma 'che l'opera era l'unica nella quale eccellenti esempii, e scritti bene in musica, sono congiunti alla teoria ordinaria degli accordi'. Anki l-kbir Cherubini, li tant influwenza lil Beethoven innifsu, fit-trattat tiegħu fuq il-kontrappunt jikkwota xi eżempji mill-'Musico Prattico' ta' Azopardi.

Ktieb ieħor li ppubblika Azopardi fl-1774 kien 'L'Origine della Regola della Musica nella Storia del suo Progresso, Decadenza e Rinnovazione'. L-original jinsab fil-Mużew tal-Katidral. Dan l-istudju donnu nkiteb biex jirribatti t-teoriji li espona Antonio Eximino fil-ktieb tiegħu 'Sull' Origine della Musica', ppubblikat Ruma, u li t-Taljani kienu ddeskrivew bħala 'un bizzarro romanzo di musica' minħabba l-filosofija distruttiva tiegħu.

Bħal F. Azopardi, Salvatore Magrin (1770-1848)[24] u Giuseppe Burlo (1772-1856)[25] bdew l-istudju tagħhom ma' M.A. Vella. Fil-mixja storika/kulturali ta' Malta huma jirrappreżentaw żewġ figuri minuri. Ta' l-ewwel kompla l-istudji tiegħu f'Napli u mbagħad sar Maestro di Cappella ġewwa Bormla; ta' l-aħħar studja anki ma' Azopardi u kien Maestro di Cappella fil-Birgu. Castagna jgħid li t-trattat 'Memoria sul Contrapunto' ta' Burlo kien jintuża fil-Konservatorju ta' Napli.

Nicolò Isouard (1773-1818)[26] kien il-bniedem li fl-aħħar tas-seklu 18 ta xejra verament internazzjonali lill-identità mużikali Maltija. Bħalma ġara fil-każ ta' Jean Baptiste Lully (Giovanni Battista Lulli, Taljan, 1632-1687), Isouard ġie assimilat fl-ambjent kontemporanju Pariġin b'tali mod li kważi tilef l-identità nativa tiegħu. Iżda, bħal Lully, din it-telfa ta' identità kienet forsi aktar soċjali milli artistika. Wieħed irid jiftakar li minn nofs is-seklu sbatax sa l-aħħar tas-seklu tmintax, fl-Ewropa saltan l-istil Taljan li serva kważi bħala 'lingua franca'. Fejn dan ma assorbiex

kompletament il-ħajja mużikali lokali, (bħalma kien il-każ ta' Londra, San Pietruburgu u ovvjament Malta), l-istil Taljan kien ko-eżistenti, imma f'ambjent ta' rivalità kbira, ma' dak lokali, (bħalma ġara fi Franza u l-Ġermanja). Ġewwa Franza, din ir-rivalità u l-ġlieda bejn iż-żewġ fazzjonijiet — dik pro-Franċiża (lokali) u dik pro-Taljana (importata) — kienet ħarxa tassew. L-istoriċi jirreferu għal din il-ġlieda bħala 'Guerre des Buffon' li bdiet fi żmien Jean-Jacques Rousseau (1712-1728) u laħqet l-apiċi tagħha madwar is-sena 1780 meta Christoph Willibald Gluck (1714-1787) kien il-kampjun tal-kawża Franċiża (Tragedie Lyrique) waqt li Nicola Piccini (1728-1800), l-għalliem ta' Azopardi, ġie mgħajjat minn Napli biex jiġġieled għall-kawża Taljana (Opera Comique). Din kienet ix-xena Pariġina xi għoxrin sena qabel il-wasla ta' Nicolò Isouard, li, kif wieħed jista' jimmaġina minn kompożitur magħġun fuq il-linji ta' l-iskola Naplitana, kompla fuq il-linja ta' Piccini, jiġifieri fil-kamp ta' l-opera comique.

Bl-opri tiegħu f'dan l-istil, (bħal Jeannot et Colin, Joconde, Cendrillon), Isouard għamel isem tajjeb ħafna f'Pariġi u kiseb popolarità kbira,[27] tant li l-Pariġini kienu jirreferu għalih sempliċement bħala Nicolò jew inkella Nicolò de Malte. Ta' min igħid, iżda, li ċerti ċirkostanzi favorevoli għenu ħafna f'dan is-suċċess kbir lil Isouard għaliex Cherubini kien xjieh sewwa, Mehul donnu kien qata' qalbu u ma baqax jikkomponi, Kreutzer kien ħsiebu fil-grand opera, Breton ftit li xejn baqa' jidher, waqt li Boieldieu mar jaħdem ir-Russja.

Għalhekk għal ċertu żmien Isouard sab ruħu mingħajr kompetizzjoni. Dan il-monopolju spiċċa fl-1811 meta Boieldieu rritorna mir-Russja u reġa' beda jagħmel isem għalih innifsu ġewwa Pariġi. L-akbar diżappunt ta' ħajjet Isouard infatti kien ikkaġunat minn Boieldieu, għax meta huma t-tnejn ikkompetew għall-ħatra ta' kap ta' l-Akkademja ta' Pariġi, wara l-mewt ta' Mehul fl-1817, il-post ħadu Boieldieu. Isouard miet is-sena ta' wara.

*Is-Seklu Dsatax*

Il-ftuħ tad-dsatax-il seklu jlaqqagħna mat-twelid ta' tliet dinastiji mużikali — ta' Nani, ta' Bugeja, u ta' Vella.

Angelo Nani (1751-1844) kien Venezjan li mħabba ċirkostanzi mhux għal kollox kjarifikati sab ruħu hawn Malta u kien vjolinist mill-aqwa fis-servizz ta' De Rohan. It-tifel tiegħu Emanuele (1768-

1860) vjolinist u direttur, ħadem ħafna barra minn Malta, ġo Pariġi, Londra, Venezja, Napli u Palermo. Hu ġie lura meta telqu l-Franċiżi, u kien hu li dderiġa kantata tiegħu bl-isem 'Torno Febo del Gange Festoso' fit-Teatru Manoel meta sar kunċert f'ġieh ta' Sir Alexander Ball. It-tifel ta' Emanuele, Dr Paolo Nani (1814-1904) studja Napli taħt Donizetti u Zingarelli, waqt li t-tifel ta' Paolo, Antonio (1842-1929) ukoll studja Napli taħt Barbati u De Giosa. Il-linja tal-familja kompliet bit-tifel ta' Antonio, Paolo (1906-1986).[28]

Pietro Bugeja (1772-1828), bħal kull kompożitur ieħor Malti li għamel isem, mar jistudja Napli, bħalma l-istess għamel it-tifel tiegħu Vincenzo (1805-1860). Il-membri l-oħra ta' din il-familja huma Filippo (1817-1926) u ibnu Vincenzo (1910-1967).[29]

Il-familja l-oħra hija dik mibdija minn Dr Giuseppe Vella (1827-1912) li studja ġewwa Genova. It-tliet uliedu Alberto (1866-1931), Luigi (1868-1950) u Paolo (1873-1948) ukoll kienu kompożituri u ppubblikaw diversi biċċiet ta' mużika, imma f'dak li huwa ġenju mużikali, il-missier kien ta' klassi għalih waħdu.[30]

Dawn it-tliet familji ħallewlna wirt artistiku rilevanti sew f'dik li hija mużika sagra u anki profana.

Meta niġu għal Alessandro Curmi li twieled il-belt Valletta fl-1801 u miet ġo Napli fl-1857,[31] niltaqgħu ma' kompożitur li l-istatura tiegħu fil-wirt kulturali tagħna għadha forsi mhix apprezzata biżżejjed. L-opri tiegħu ġew eżegwiti ma' l-Ewropa kollha. Castagna jsemmi fost oħrajn lil 'Gustavo d'Orxa (Ruma), 'Rob Roy' (Malta), 'Elodia d'Herstall' (Napli) u 'Il Proscritto di Messina' u 'La Rivoluzione' (Pariġi). Interessanti mill-punto di vista ta' l-istorja mużikali tagħna huma t-tliet opri 'La Rosiere', 'La Lolodisch' u 'La Reine de Fate', li Curmi ppreżenta ġewwa Londra. It-test ta' dawn huwa bil-Franċiż u l-istil huwa bbażat fuq dak ta' l-opera comique. Minn dan il-lat studjużi fil-futur għandhom mnejn jikxfu lil Curmi bħala l-werriet artistiku ta' Isouard.

Bħal Curmi, Francesco Schira (probabbilment korruzzjoni tal-kunjom 'Sciriha') li twieled Malta fl-1809 u miet Londra fl-1883,[32] jirrappreżenta figura mużikali Maltija importanti, iżda ftit li xejn magħrufa w apprezzata. Schira kien kompożitur u direttur ta' l-orkestra ta' fama verament internazzjonali.

Ta' disa' snin diġa nsibuh jistudja fil-Konservatorju ta' Milan, u ta' 17-il sena rċieva l-ewwel kummissjoni artistika tiegħu biex

jikkomponi opra taħt l-isem ta' 'Elena e Malvina'. Din ġiet eżegwita fis-17 ta' Novembru 1832 ġot-Teatro alla Scala u s-suċċess kbir ta' dan ix-xogħol wassal lil Schira għat-Teatro Santo Carlos ta' Lisbona. Hawnhekk dam 8 snin bħala direttur artistiku, direttur ta' l-orkestra u kompożitur stabbli, u serva wkoll bħala professur ta' l-armonija u kuntrapunt fil-Konservatorju ta' din il-Belt.

Fl-1842 telaq għal Pariġi, imma fi żmien qasir insibu li Schira ġie kkuntrattjat bħala direttur mużikali u artistiku tal-Princess Theatre ġewwa Londra. Hawnhekk, Schira kien attiv ħafna u wara li fl-1844 kien ħa f'idejh id-direzzjoni ta' Drury Lane Theatre, fl-1848 wasal saħansitra ġo Covent Garden. Għal dan it-tejatru famuż huwa kkompona opera 'Kenilworth' ibbażata fuq l-istorja ta' Walter Scott.

Figuri oħra ta' importanza minuri li niltaqgħu magħhom fil-bidu tas-seklu dsatax huma Emanuele Muscat (1790-1837, studja Napli), Emmanuele Galea (1790-1850, kiteb innu lil Kzar li ndaqq f'Pietruburgu fl-1842), Cesare Vassallo (1801-1880, kien anki Biblijotekarju), Angelo Galea (1806-1890, direttur ta' diversi baned reġimentali Ingliżi), u Don Giuseppe Scicluna (1809-1878).[33]

Fost dan il-grupp jispikka xi ftit Giuseppe Spiteri Fremond (1804-1878),[34] Agostinjan li serva f'diversi monasterji ġo l-Ewropa — Ruma, Ġenova, l-Ingilterra, Franza, l-Eġittu u l-Palestina. Kien ta' fama biżżejjed biex jiġi elett membru tas-Soċjetà Mużikali ta' Bologna (1873) bħala kompożitur internazzjonali.

Il-figura prominenti ta' nofs is-seklu dsatax hija bla dubju ta' xejn dik ta' Paolino Vassallo, Bormliż (1856-1913).[35] Ta' dsatax-il sena mar jistudja ġol-Konservatorju ta' Pariġi u kellu bħala għalliema tiegħu lil Gounod, Massenet u Saint-Saens. F'Pariġi għamel isem tajjeb ħafna u hemmhekk ikkompona diversi kantati u sinfoniji. Serva wkoll bħala surmast direttur ta' l-orkestra Lamourex. Vassallo ġie offrut il-premju famuż magħruf bħala 'Grand Prix de Rome' li hu ma setax jaċċetta minħabba n-nazzjonalità tiegħu. Fil-persuna ta' Paolino Vassallo naraw l-ewwel attentati biex il-mużika Maltija tkisser xi ftit ir-rabtiet stretti li dejjem kellha ma' forom u idjomi Taljani. Fil-kamp tal-mużika sekulari, ma' Vassallo nibdew niltaqgħu ma' forom li m'humiex tipikament Taljani (sinfonija, poema sinfoniku u overture da concerto) espressi f'lingwaġġ armonikament avanzat ħafna.

Vassallo kien magħruf sew f'Londra u sew f'Pariġi. F'dik li hija mużika sagra, Vassallo kien l-ewwel wieħed li beda jikkomponi fl-istil ta' l-hekk imsejjaħ 'motu proprio', u dan hawn Malta ħoloqlu mhux ftit problemi ma' pubbliku mdorri fl-eċċessi ta' l-opra Taljana li sa dak iż-żmien kienet mhux biss invadiet imma wkoll rebħet għal kollox il-prattika tal-mużika sagra.

F'Malta Vassallo waqqaf skola tal-mużika ta' ċerta importanza meta wieħed iħares lejha mill-punto di vista tal-wirt kulturali tagħna, għax tlieta mill-istudenti li tgħallmu fiha kienu xejn anqas minn Carlo Diacono, Patri Duminku Anastasi u Josie Mallia Pulverenti.

Paolino Vassallo huwa ta' importanza storika għaliex minnu ħarġu t-tliet fergħat li kellhom jinfluwenzaw l-iżvilupp tal-mużika Maltija sa l-ewwel snin tas-seklu għoxrin. Dawn kienu (i) l-istil Taljan operistiku tradizzjonali, (ii) l-istil Taljan sagru riformat, (iii) xejret moderni taħt l-influwenza Pariġina. Hija ħaġa interessanti li tinnota li t-tliet studenti tiegħu diġa msemmija jiġifieri Diacono, Anastasi u Mallia Pulverenti rispettivament jirrappreżentaw dawn it-tliet fergħat.

Għall-istudjużi forsi l-aktar fergħa importanti fix-xogħol ta' Vassallo hija dik tat-tielet, għaliex għall-ewwel darba naraw devjament radikali minn tradizzjonijiet mużikali Taljani ta' aktar minn tliet sekli. Pariġi ta' nofs is-seklu l-ieħor kienet fuklar ta' idejat artistiċi ġodda fejn pitturi ta' xejriet ikonoklastiċi bħal Monet, Manet, Renior, Degas u Cezanne irribellaw kontra r-regoli ta' l-arti Romantika u taw bidu għall-hekk imsejjaħ Impressjoniżmu. Dan il-moviment ġie magħġun fil-mużika minn Claude Debussy (1862-1918) u aktar tard minn Maurice Ravel (1875-1937). Paolino Vassallo li għex u studja Pariġi mill-1875 sa l-1885 ma setax b'xi mod ma jkunx influwenzat minn dawn l-esperjenzi artistiċi ġodda. Huwa sinifikanti wkoll il-fatt li wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' Mallia Pulverenti, l-istudent ta' Vassallo l-aktar influwenzat minn dawn it-tendenzi ġodda, huwa poema sinfoniku bl-isem 'Impressione Sinfonica'.

Qabel inkomplu mal-mixja mużikali ta' min iqajjem punt li fuqu għad forsi jrid isir studju sew. Jekk wieħed jifli sewwa l-istorja tal-mużika Maltija jinduna li ma' dik it-triq prinċipali li dejjem ħarset lejn l-Italja għall-ispirazzjoni tagħha, kienet teżisti trejqa

oħra, forsi sekondarja, li kienet twassal għall-ambjenti Pariġini. Dan il-fenomenu jibda minn nofs is-seklu sbatax (Mataron u Magi) u mbagħad għadda minn M.A. Vella għal F. Azopardi, għal N. Isouard, għal A. Curmi, u spiċċa bl-influwenza qawwija Pariġina fuq ix-xogħlijiet ta' Paolino Vassallo.

Carlo Diacono (1876-1942), Patri Duminku Anastasi (1886-1938) u Josie Mallia Pulverenti (1896-1964)[36] huma tliet pilastri sodi tal-mużika Maltija ta' bejn tmien is-seklu dsatax u l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Mit-tliet studenti ta' Paolino Vassallo, Carlo Diacono forsi kien l-aktar wieħed li żamm ċerti tradizzjonijiet Taljani fil-mużika tiegħu. Ix-xogħol ta' Anastasi huwa ġeneralment ta' natura mistika. Din toħroġ speċjalment fil-mużika 'a cappella' tiegħu fejn l-użu tal-kuntrapunt u armoniji, ħafna drabi modali, jagħti xejra ta' ġmiel u qdusija liema bħalha. Nistgħu ngħidu li Anastasi kompla t-triq ta' Vassallo f'dik li hi riforma skond il-motu proprio.

Mallia Pulverenti, min-naħa l-oħra, huwa l-kompożitur b'xejriet l-aktar avanzati u b'idjomi moderni minn sħabu kollha. Dawn joħorġu bil-qawwa kollha f'xogħlijiet bħal 'Impressione Sinfonica' u 'Espressionismo', żewġ poemi sinfoniċi mill-akbar u mill-isbaħ.

*Il-Bini tat-Teatru Rjal*

Minkejja dan kollu, bla dubju ta' xejn l-influwenza ta' l-opra Taljana baqgħet tirrenja soda fuq il-ħajja mużikali Maltija matul is-seklu dsatax kollu u sa kważi l-ewwel nofs ta' dan tagħna. Il-bini fl-1866 tat-Teatru Rjal kien propju frott ta' din il-popolarità - biex jissodisfa l-ħtieġa u d-domanda għal din ix-xorta ta' attività artistika. Dan l-avveniment kien ripetizzjoni ta' dak li rajna jattwa ruħu fl-1732 bil-bini tat-Teatru Manoel.

Fuq il-ħajja operistka Maltija minn madwar l-1800 'l quddiem, Rolandi għandu dan li ġej xi jgħid:

'La piazza teatrale (aqra operistika) di Malta rappresentava uno dei gradini indispensabili alla carriera degli artisti novellini (ovvjament qed jirreferi għall-artisti Taljani). D'altronde i maltesi furono sempre appassionanti per il teatro lirico dove mostravano esempio di rispetto, tacendo durante le esecuzioni, non giungendo in ritardo e non facendo rumore coi programmi'.[37]

Dan juri biċ-ċar l-importanza li Malta kellha bħala ċentru ta' l-opra anki f'għajnejn it-Taljani stess u din l-importanza u anki t-tip ta' attivita operistika toħroġ aktar fil-beraħ meta wieħed iħares sewwa lejn ir-repertorju ta' l-istaġuni ta' l-opra. Kull sena, l-gvern kien jaħtar kummissjoni tejatrali ta' tlieta min-nies, li wieħed minnhom kien dejjem ikun xi uffiċjal għoli mill-forzi armati Ingliżi. Dawn kienu jieħdu ħsieb joħorġu offerti u jagħmlu kuntratti ma' impreżarji biex jiġi mtella' l-istaġun operistiku. Fl-1866, jiġifieri fl-ewwel staġun tat-Teatru Rjal, din il-kummissjoni kienet magħmula mit-Tenent Kurunell John Peel, Henry C. Frendo, u l-Baruni Ugo Testaferrata Abela.[38]

L-opri eżegwiti f'dan l-ewwel staġun, jiġifieri fl-1866, kienu dawn is-sittax: I Purtani (Bellini), Ġemma di Vergy (Donizetti), L'Ebreo (Appollone), Merope (Pacini), Jone (Petrella), Erani (Verdi), Barbiere di Siviglia (Rossini), Crispino e La Comare (Ricci), Lucrezia Borgia (Donisetti), Roberto il Diavolo (Meyerbeer), Elisir D'Amor (Donzetti), Rigoletto (Verdi), Poliuto (Donizetti), Il Trovatore (Verdi), u La Traviata (Verdi).[39]

Il-medja ta' opri ppreżentati kull staġun kienet tkun ta' ħmistax, li minnhom tnejn kienu jkunu ġodda għall-palk Malti. Il-medja ta' rappreżentazzjonijiet imbagħad kienet tkun 'il fuq minn 120 kull staġun.

Ħarsa lejn il-listi ta' l-opri ppreżentati hawn Malta mill-bidu tas-seklu l-ieħor turi biċ-ċar il-ħakma assoluta ta' xogħlijiet ta' kompożituri Taljani. Dawn jiddominaw kull kartellun tejatrali. Imma sinifikattiv huwa l-fatt li niltaqgħu wkoll ma' numru mhux ħażin ta' kompożituri Franċiżi jew li ħadmu ġo Franza. Dawn huma (id-data turi l-ewwel rappreżentazzjoni hawn Malta): Gounod (Faust 1868); Auber (Fra Diavolo 1872, La Muta dei Portiċi 1875); Meyerbeer (Roberto il Diavolo 1866, Gli Ugonotti 1968, L'Africana 1870, Il Profeta 1872, Dinorah 1873); Halevy (L'Ebrea 1876); Bizet (Carmen 1880).

Jekk xejn, dan donnu jkompli jikkonderma l-punt li jien semmejt aktar 'il quddiem f'dan l-istudju fuq rabtiet speċjali artistiċi li eżistew minn żmien il-qedem bejn Malta u Pariġi.

Eċċezzjonijiet ta' dan li għedna kienu l-kompożituri Awstrijaċi: Flotow (Martha 1862) u Mozart (Don Giovanni 1847).

Ta' min jinnota li l-ewwel opra Wagnerjana li waslet Malta kienet il-'Lohengrin', ippreżenta fl-istaġun 1895-1896.

M'hemmx bżonn ngħidu illi l-artisti skritturati u d-direttur ta' l-orkestra kienu jkunu kollha Taljani.

Minn manuskritti ġentilment mgħoddija lili mis-Sur George Grech joħorġu xi punti tassew interessanti fuq il-prattika ta' l-opra hawn Malta.[40]

Insibu miktub, per eżempju, li 'Fino a questa stagione (1886-1887) Malta non era obbligata a pagare diritti d'autore. Ma avendo questa impresa (Nani) dato 'La Gioconda' senza averla dalla casa editrice Ricordi, questa ricorse all'Inghilterra e venne stabilito che a Malta si dovessero pagare i diritti d'autore per le opere scritte dal 1886 in avanti'.

Punt ieħor li joħroġ minn dan il-manuskritt jirrigwarda s-sitwazzjoni daqsxejn anomala fejn amministrazzjoni Ingliża kienet donnha qed tippromovi kultura purament Taljana. Rejazzjoni uffiċjali għal dan qamet fl-1889 meta l-istaġun operistiku flok f'Ottubru beda f'Diċembru. L-ispjegazzjoni toħroġ minn din il-kitba: 'Questa stagione cominciò in Dicembre e non in Ottobre come al solito. La causa del ritardo è stata questa. In Luglio, dopo offerte, il Teatro venne concesso al Signor Perez. Alla redazione del contratto il governo esigeva che il Signor Perez si obbligasse a dare rappresentazioni in inglese. Perez rifiutò e fece causa col governo. La vinse con sentenza del 25 Luglio 1898 — Prima Aula — dopo, però, rifiutò l'impresa. Furono fatte nuove offerte — non si presentò alcuno — e il 2 Novembre il Teatro veniva concesso al Signor Malfiggiani incondizionalmente'.[41] L-aħħar kelma hija sottolinjata u donnha turi ċertu soddisfazzjon ta' l-awtur li ta' l-inqas għal dik id-darba kienet rebħet il-kawża tal-kultura Taljana.

Skond l-istess dokument l-ewwel opra bl-Ingliż nħadmet fl-istaġun 1914-1915. Din kienet 'Imelda' ta' ċertu Paul Allen. F'Mejju ta' l-1914 għall-ewwel darba nsibu wkoll opra (Cavalleria Rusticana) mtellgħa 'da dilettanti Maltesi'.[42]

Sa l-ewwel deċenni ta' dan is-seklu l-opra Taljana invadiet kull rokna mużikali maltija. Fit-tejatri, dan ġà rajnieh. Fl-ambjent tal-baned u gruppi oħra dilettantistiċi l-influwenza kienet predominanti b'tali mod li sinfoniji, poemi sinfoniċi, overturi, suites u mużika oħra ta' din ix-xorta l-anqas biss kienu jafu bihom.

Saħansitra l-mużika reliġjuża tilfet il-karattru tagħha u saret kważi sinomina ma' dik tat-tejatru. Ħafna mill-mużika li nkitbet għall-knisja minn kompożituri Maltin f'dan iż-żmien kienet ispirata u meqjusa fuq idejali u forom operistiċi. Tant hu hekk li kienet id-drawwa li fil-festi l-kbar tal-knejjes prinċipali, l-artisti Taljani li kienu jkunu skritturati fl-istaġun korrenti, kienu jiġu mistiedna biex ikantaw il-quddiesa, l-għosrien, eċċ.

Mhux hekk biss, imma kienet ħaġa komuni li qabel jibda l-għasar ta' nhar is-Sibt tal-festa, l-orkestra tal-Kappella kienet, bħala introduzzjoni, iddoqq xi sinfonija mill-opra. Missieri, li meta kien żgħir kien idoqq fil-kappella tal-Katidral ta' Għawdex, din l-użanza jiftakarha sewwa. Hawnhekk nerġgħu naraw is-sehem li l-knejjes dejjem kellhom biex servew bħala swali tal-kunċert għall-poplu ġenerali.

Il-mużika sinfonika, kameristika u strumentali ta' kompożituri bħal Mozart, Beethoven, Schubert, Mendelssohn, Tchaikovsky (biex insemmi ftit) kienet kompletament injorata mill-maġġoranza tal-Maltin, anki dawk l-aktar kolti, ta' qabel l-1940.

Iżda mat-tmiem tat-tieni gwerra dinjija, din is-sitwazzjoni nbidlet radikalment. L-ewwelnett l-amministrazzjoni Ingliża bdiet timbotta wisq aktar il-kultura proprja tagħha bi ħsara għall-Kultura tradizzjonali Taljani. Imbagħad, bid-diffużjoni liberali tal-medja tal-massa fid-djar tal-familji l-Maltin setgħu jibdew jiffamilljarizzaw irwieħhom dejjem aktar ma' mużika mill-Ewropa kollha.

Dan bla dubju ta' xejn kellu effett mużikalment pożittiv ħafna, sew fuq is-sezzjoni passiva (l-udjenza li tisma') u sew fuq dik attiva (il-kompożituri li jikkrejaw, u l-mużiċisti li jinterpretaw). Inħoss li llum il-mużika li tinkiteb għandha jkollha potenzjal ta' valuri artistiċi fuq skala universali aktar milli nazzjonali, jiġifieri, tip ta' mużika li għall-Malti, għat-Taljan, għall-Franċiż, għall-Ingliż u għall-Ġermaniż, tfisser ħaġa waħda — mużika kontemporanja Ewropeja.

B'dana kollu jibqa l-fatt li l-mużika operistika Taljana f'dawn l-aħħar mija u ħamsin sena rabbiet egħruq li nifdu profondament kull rokna tal-qalb ta' ħafna Maltin. Din il-ġibda mhux la kemm teqridha jew anki tibdilha. Dan il-fatt tixhdu l-attendenza numeruża tal-Maltin kull meta tiġi rappreżentata xi opra, u d-

dibattiti appassjonati li jsiru mid-dilettanti ta' dan il-ġeneru mużikali wara kull produzzjoni ta' din ix-xorta.

*RIFERIMENTI*


1. Ulderico Rolandi, *Musica e Musicisti a Malta* (Livorno 1932).
2. J.F. Partridge, F. Jeal, "Galpin Society Jounal" (UK) 1977.
3. Fr. John Azzopardi, "The Activity and Works of Andrea Rinaldi and Antonio Campochiaro in Malta in the early 17th Cent", *Vetera Novaque Concentus et Carmina* (Mid-Med Bank 1985).
4. Joseph Sacco, *Malta its Music and some of its Famous Composers* (Dissertation, St. Michael's College of Eduacation 1972).
5. Simon Heighs, *The Music of Benigno Zerafa* (A Concert of Maltese Baroque Music, (programme) St. John's 1987).
6. Paolo Emilio Carapezza, "Ora" (Palermo 7/7/79).
7. Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina
   (i) Claudio Monteverdi: Ecce Panis Angelorum (Ms 47); (ii) Giacomo Carissimi: O Bone Jesu (Ms 14); (iii) Giacomo Carissimi: Ecce Deus (Ms 13).
8. Librerija Pubblika. Valletta, Ms No. 775.
9. Ulderico Rolandi, *Musica e Musicisti a Malta* (Livorno 1932).
10. Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina: Ms No. 241A.
11. Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina : Ms No. 242.
12. Ibid: Aloysio Mataron (i) Dulcis Amor Ms113; (ii) Salve Regina Ms 113.
13. Fr. John Azzopardi: Nota bijografika ġo *Vetera Novaque Concentus et Carmina* (Mid-Med Bank 1985).
14. Diversi awturi jagħtu dati differenti tat-twelid u l-mewt ta' G. Abos. Rolandi jgħid li twieled fl-1706 waqt li Eric Blom fil-ktieb tiegħu "Dictionary of Music" jikkwota l-1719. Magrin Dulfocq isemmi l-1708 mentri Trecanni u Vallardi fl-Enċikolpediji tagħhom igħidu biss li kien attiv fis-seklu 18. Dwar id-data tal-mewt tiegħu, Rolandi, Vallardi u Dulfocq isemmu s-sena 1786, Trecanni s-sena 1760 u Blom is-sena 1769. Id-dati msemmija f'dan l-istudju huma dawk mogħtija minn August Corbet fil-*Grove Dictionary of Music.* Minn ħjiel ċirkustanzjali dawn jidhru li huma l-aktar attendibbli.
15. *Enciclopedia Moderna Illustrata* (Vallardi) Milano,nota bijografika fuq G. Abos.
16. Francesco Caruana Dingli, Volume 1142 (1842) Librerija Pubblika Valletta.
17. P.P Cantagna, *Malta bil-Gżejjer Tagħha* Vol 1. p. 123.
18. Fr. John Azzopardi, *Bennigno Zerafa - A Biography - A Concerty of Maltese Baroque Music* (programme St. John's 1987).
19. Ibid.
20. Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina: Ms 321.
21. Enciclopedia Moderna Illustrata (Vallardi) Milano, nota bijografika fuq F. Azzopardi.
22. Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina: Ms 338.
23. Ibid., Ms 337.

24. P.P. Castagna, ibid.
25. Ibid.
26. Id-data tat-twelid ta' N. Isouard ħafna drabi nsibuha bħala l-1775. Dan huwa l-każ fil-kitba ta' Castagna, Rolandi, Trecanni, Larousse u l-*Oxford Companion to Music.* Rolandi jikkwota s-6 ta' Diċembru bħala d-data eżatta. J. Muscat Azzopardi jsostni li kienet id-29 ta' Mejju. Iżda minn tiftix riċenti magħmul mis-Sur Duminku Cutajar juri li d-data vera tat-twelid ta' N. Isouard hija s-17 ta' Mejju ta' l-1773.
27. Edward Wahl, *Nicolò Isouard - His Life and Achievement in the Field of Comic Opera*, Doctrate thesis University of Munich (1908).
28. Carmen Attard, *Five Generations of Nani Musicians*, Dissertation University of Malta 1986.
29. Teżi fuq il-familji tal-mużiċisti Buġeja qiegħda bħalissa tiġi ppreparata mis-Sinjorina Rose Marie Micallef studenta fl-Università ta' Malta. Nirreferi wkoll għal diversi artikli fuq dan is-suġġett mill-Prof. Oliver Friggieri.
30. Maryanne Buttigieg, *Giuseppe Vella - His Life and Musical Works* (Dissertation University of Malta 1982).
31. P.P. Castagne, Ibid.
32. *Grove's Dictionary of Music,* nota bijografika fuq F. Schiria.
33. Prof. Mifsud Bonnici, *Musicisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u l-Lum* (Valletta 1951).
34. Anon, *Cenni Biografici di Giuseppe Spiteri Fremond* (Tipografia Gutemberg Floriana 1878).
35. Prof. Mifsud Bonnici, Ibid.
36. Prof. Mifsud Bonnici, Ibid.
37. Ulderico Rolandi, *Musica e Musicisti a Malta.*
38. Manuskritti mill-Librerija tas-Sur George Grech.
39. Ibid.
40. Ibid.
41. Ibid.
42. Ibid.